12 ta' Mejju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Caterina Psaila

**Adulterju — Separazzjoni tal-Ġudizzji.**

*Huwa veru, f'materja ta' adulterju, illi l-kwerela testendi ruħha għall-korreu "ipso jure", u illi r-rinunzja favur il-wieħed testendi ruħha "ipso jure" favur il-persuna l-oħra ħatja; iżda b'daqshekk ma jiġix li l-proċediment għandu jieqaf kontra t-tnejn meta mhux possibbli jitkompla kontra wieħed mill-imputati. Meta bil-kwerela b'kollox mhux possibili jinbeda u jitkompla l-ġudizzju penali kontra wieħed miż-żewġ ħatjin f'delitt ta' adulterju, ma għandux jiġi mpedut u mwaqqaf il-ġudizzju kontra l-parti akkużata li kontra tagħha l-ġudizzju jista' liberament isir.*

*Fil-każ preżenti, ir-raġel akkużat ta' adulterju rnexxielu jaħrab minn Malta fil-pendenza tal-proċediment kriminali kontra tiegħu u l-ħatja l-oħra, u l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzji biex il-proċediment jitkompla kontra l-ħatja l-oħra; u l-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet dik it-talba. Iżda l-Qorti ta' l-Appell, b'applikazzjoni tal-prinċipji hawn fuq imfissra, irrevokat id-digriet ta' l-Ewwel Qorti u ordnat li l-proċediment jitkompla kontra dik il-ħatja l-oħra; salva l-pendenza "sine die" tal-proċediment kontra l-ħati assenti, jekk u skond il-liġi.*

Carmelo Debono u Caterina Psaila ġew imħarrkin fuq l-akkuża li kkommettew adulterju, fuq kwerela ta' Giuseppa mart dak Carmelo Debono;

Wara li saret l-Istruttorja, l-Attorney General, b'nota tal-24 ta' Novembru 1950, irrinvija l-attijiet quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, sabiex dik il-Qorti tiddeċidi fuq l-akkuża tal-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hu maħsub fl-art. 206 u 207 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice 337/1940, u fl-art. 520 tal-Kodiċi Kriminali;

Sadattant Carmelo Debono telaq minn Malta, u l-Kummissarju tal-Pulizija, b'rikors, talab li l-Qorti tkompli l-kawża kontra Caterina Psaila, salvo li l-istess kawża tibqa' "sine die" in kwantu tirrigwarda lil Carmelo Debono, peress li l-kawża kienet ġiet imħollija "sine die";

B'digriet tal-5 ta' Frar 1951 il-Qorti Kriminali tal-Maġis-

trati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta ċaħdet dik-it-talba għas-separazzjoni tal-ġudizzji;

L-Attorney General appella minn dak id-digriet quddiem din il-Qorti, u talab li dina l-Qorti tirrevoka d-digriet ta' l-Ewwel Qorti, tal-5 ta' Frar 1951, u tordna li l-proċediment kontra Caterina Psaila jiġi separat u komplut sad-definizzjoni tiegħu; u appella wkoll mid-digriet tas-16 ta' Frar 1951;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet sew l-Avukat tal-Kuruna kemm l-avukat ta' l-imputata;

Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li skond il-liġi l-kwerela testendi ruħha għall-korreu "ipso jure", u li r-rinunzja favur il-wieħed testendi ruħha "ipso jure" favur il-persuna l-oħra ħatja. Iżda b'daqshekk ma jiġix li l-proċediment għandu jieqaf kontra t-tnejn meta mhux possibili jitkompla kontra wieħed mill-imputati; għax dan imkien ma tgħidu l-liġi. Fil-każ preżenti l-kwerela saret u nżammet sew kontra Carmelo Debono kemm kontra Caterina Psaila, u ma ġietx rinunzjata favur ħadd minnhom; u minn ebda parti tal-proċess ma jirriżulta li l-kwerelanti trid, jew riedet, taħfer lil żewġha; u l-Qorti ma tistax tissupplixxi għall-fatti bl-immaġinazzjoni ta' x'jista' forsi jsir u jiġri 'l quddiem, biex twaqqaf proċediment penali ġà mibdi regolarment. Il-liġi trid biss li l-kwerela, id-deżistenza u l-maħfra in rigward tal-miżżewweġ ħati testendi ruħha in rigward għall-korreu; iżda mhux leċitu li b'argumentazzjonijiet jinħolqu eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet mhux kontemplati mill-liġi; u għalhekk, meta bil-kwerela b'kollox ma hux possibili jinbeda u jitkompla l-ġudizzju penali kontra l-wieħed miż-żewġ ħatjin f'delitt ta' adulterju, ma għandux jiġi mpedut u mwaqqaf il-ġudizzju kontra l-parti akkużata li kontra tagħha l-ġudizzju jista' liberament isir; għax il-liġi ma tistabbilixxi ebda impediment ġuridiku, u r-regola hi li l-ġudizzju penali jista' jitkompla anki kontra l-kompliċi biss, meta l-ħati prinċipali ma jkunx magħruf;

U tabilħaqq, ġie ritenut mill-Qorti tal-Kassazzjoni Penali Taljana li "anche quando il correo non è identificabile, si può mettere in moto il procedimento contra la moglie per adulterio" (Cassaz. 20. 1. 1908, Zito—Rivista Penale, LXVII-502). U similment ġie ritenut minn dik l-istess Qorti f'każ li l-mara kienet tat ruħha għall-prostituzzjoni u ma kienx possibili ti-

dentifika l-korreu (Cassaz. 21. XI. 1907, Peluso—Riv. Penale, LXVII, p. 239);

Għaldaqstant huwa aktar il-każ li jitkompla l-proċediment kontra l-korreu meta r-raġel adulteru jkun irnexxielu jaħrab mill-pajjiż biex jaħrab mill-proċediment;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Attorney General, tirrevoka d-digrieti appellati, tirrinvija l-proċess quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, u tordna li l-proċediment jitkompla kontra Caterina Psaila, salva l-pendenza "sine die" kontra l-assenti, jekk u skond il-liġi.